TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Victor Cini

vs

Bonavia Woodworks

CCT 71/20/MS

2 ta' Gunju 2021

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrentipprezentat fl-10 ta' Gunju 2020 fejn talab (i) ir-rifuzjoni ta' hames mitt Euro, depozitu imhallas minnu ghall-appalt (manifattura u installazzjoni ta' hames bibien) miftiehem bejn il-partijiet, liema appalt ma giex konkjuz fit-termini tal-kuntratt; (ii) jew altrimenti li l-appaltatur jispicca x-xoghol skond it-termini tal-kuntratt miftiehem.

Ra r-risposta tal-azjenda intimata fejn cahdet it-talba tar-rikorrent u fejn Victor Bonavia qal li ma jafdax lir-rikorrent u mhuwiex lest li jkompli x-xoghol qabel ma jigbor l-ispejjes tax-xoghol li ghad fadal jaghmel.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda tar-rikorrent, taht gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fi Frar 2020 ir-rikorrent ordna hames bibien tal-intern (*Tulip wood frame with horizontal panelling, including locks handles and hinges*) ghall-prezz ta' elfejn u tlett mitt Euro (€2,300.00) ghal post tieghu f'Santa Venera. Hallas depozitu ta' hames mitt Euro fuq l-ordni u l-kumplamanet kellu jithallas meta l-bibien jigu konsenjati u installati fuq il-post. Ir-rikorrent spjega li wara li l-intimat kien gie fuq il-post u ha l-qisien, ordna l-bibien. Wara xi zmien, l-intimat qallu biex immur ikellmu fuq il-kulur u l-*finish* u hemmhekk ir-rikorrent irrimarka illi l-bibien ma kienux skond id-dizinn li ordna hu. L-intimat qallu illi ma setax jirranghom u r-rikorrent ighid li kellu jaccettahom kif kiennu . L-intimat pero' talbu pagament iehor ta' €1,500 biex jifinalizza x-xoghol. Ir-rikorrent ighid illi minn dakinhar ma kellmux iktar.

Illi l-intimat, debitament notifikat bit-talba u anke bi smigh tal-kawza, ma deherx. Kien hemm zewg seduti f'din il-kawza. L-ewwel seduta tat-28 ta' Ottubru 2020 giet differita fuq talba tal-intimat. Ghat-tieni seduta - dik tal-5 ta' Mejju 2021, deher biss ir-rikorrent, u dan minkejja li l-intimat kien debitament notifikat bis-seduta. Ghalhekk ir-risposta tal-azjenda intimata ma gietx konfermata bil-gurament u t-Tribunal m'ghandux versjoni ohra, hlief dik tar-rikorrent.

Ikkunsidra

Illi din il-kawza titratta talba ghal rifuzjoni ta' depozitu fuq appalt li ma giex kompletat mill-intimat. Ir-rikorrent qed jitlob jew ir-rifuzjoni tad-depozitu imhallas minnu, jew inkella illi x-xoghol jigi kompletat u installat skond il-ftehim bejn il-partijiet. Min-naha tieghu, l-intimat qed ighid illi huwa lest illi jkompli x-xoghol, basta li r-rikorrent ihallas pagament iehor biex huwa jkopri l-ispejjes tieghu.

Illi sfortunatment l-intimat ma deherx quddiem dan it-Tribunal u ghalhekk it-Tribunal ghandu quddiemu biss il-versjoni tar-rikorrent. Ghalkemm l-intimat ghamel risposta, din ma gietx konfermata u ghalhekk ftit li xejn ghandha valur probatorju.
Il-kuntratt bejn il-partijiet ma tantx ighin f'din il-vertenza. Il-kuntratt ma jirreferix ghal termini dwar meta l-bilanc kellu jithallas. Il-kuntratt ighid biss:

*5 Internal Doors made from 45 mm thick Tulip Wood frame and pannelled with 30 mm horizontal wood panels. Including locks, handles and hinges. Delivery and Installation.*
*Price each €460.*
*Total €2,300*
*Deposit €500.*

Illi fejn jidhlu kuntratti bhal dawn, li jirrikjedu l-uzu ta' materjali, huwa normali illi dak li jkun jiehu depozitu akkont tal-prezz. Bhala regola, id-depozitu jittiehed mal-iffirmar tal-ftehim u l-kumplament jithallas meta x-xohgol ikun lest. Hemm element ta' riskju fuq iz-zewg partijiet u ghalhekk id-depozitu huwa forma ta' garanzija fejn l-intimat ikopri daqsxejn mill-ispejjes tieghu, u fejn ir-rikorrent juri li l-intenzjonijiet tieghu huma serji. Kif diga nghad, il-ftehim bejn il-partijiet mhuwiex daqstant car. Ghalkemm l-ammont tad-depozitu huwa car, mhuwiex car meta l-bilanc kellu jithallas u ghalhekk wiehed jista' jassumi illi l-bilanc kellu jithallas meta l-bibien tlestew u gew installati fil-post, u mhux qabel.

Ghalhekk ir-rikorrent ghandu ragun jinsisti illi ihallas il-bilanc ghax-xoghol meta dan jigi kompletat u installat, u mhux qabel.

Ghall-dawn ir -ragunijiet it-Tribunal jaqta u jiddeciedi illi jilqa t-talba tar-rikorrent, jipprefiggi terminu ta tlett gimghat sabiex l-azjenda intimata tikkompleta l-appalt u fin-nuqqas, jikkundanna lill istess azjenda intimata li tirrifondi lir-rikorrent is-somma ta Euro 500 (€500.00). Bl-ispejjes kontra l-azjenda intimata.

Michela Spiteri Av.
Arbitru